MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 45/2000/1

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

**Vs**

**Jonathan Tonna u Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta’ disa’ mija hamsa u sebghin lira maltija (Lm975.00) bhala VAT/ETI dovuta fuq il-yacht MY Stranamore ex Gracey Lee li kien dahal f’Malta “duty free’ skond il-ligi, zieda li mbaghad inbiegh lill-persuni Maltin bi ksur tal-kundizzjonijiet ta’ importazzjoni ‘duty free’ ai termini ta’ National Notes ta’ kapitolu 89 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar id-Dazji ta’ Importazzjoni Kap 337 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghalhekk il-VAT/ETI ammontanti ghal Lm975 hu dovut.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra ufficjali tat-12 t'Ottubru 1999 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Muscat (fol 2 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes fil-konfront tal-konvenut Joseph Muscat, stante li meta dan xtara d-dghajsa imsemmija huwa xtraha bid-dazju mhallas u b'hekk ghandu jhallas id-dazju dovu til-konvenut l-iehor, Jonathan Tonna, dwar liema pretenzjoni qieghed jigi pprezentat avviz kontestwlament fl-ismijiet" Joseph Muscat vs Charles Schembri u Jonathan Tonna" , liema Charles Schembri kien id-'dealer' involut fil-bejgh.

Salv eccezzjonijeit ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor, Jonathan Tonna (fol 30 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 2149 (e) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dezerzjoni tal-kawza stante illi ghaddew l'fuq minn sitt xhur rikjesti mill-ligi ghall-eghluq tal-proceduri bil-miktub ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi, fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti mhuwiex il-proprjetarju attwali tal-yacht MY Stranamore ex Gracey Lee, stante illi, f'Awissu 1997, l-eceepjenti kien partat din id-dghajsa ma' dghajsa ohra proprjeta ta' Charles Schembri filwaqt illi, f'Dicembru 1997, l-eccipjenti kien iffirma il-bill of sale tal-istess dghajsa li permezz tieghu, id-dghajsa giet trasferita a favur il-konvenut l-iehor Joseph Muscat.
4. Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, l-ammont reklamat da parti tal-attur fl-avviz mhuwiex dovut, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza moghtija fit-3 ta’ Marzu 2008 (ara fol 68 et seq ibid) u li, biha, giet michuda l-eccezzjoni dwar id-deserzjoni ta’ din il-kawza u gie ordnat li dan il-kaz, jitkompla fuq il-meirtu tieghu wara li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Jonathan Tonna.

Rat l-atti kolha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut Jonathan Tonna jikkontendi li din l-azzjoni hi preskritta permezz tal-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili, li jghid illi l-azzjonijiet tal-Gvern ta’ Malta ghall-hlas ta’ drittijiet Gudizzjarji dazji jew taxxi ohra hi estinta bit-trapass ta’ sentejn.

Illi, pero, jidher li fil-kaz in desamina hu applikabbli perjodu specjali ta’ preskrizzjoni tal-azzjoni cjoe l-perjodu ta’ sitt (6) snin kif jdiher mill-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ili ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Jonathan Tonna hi insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenut Jonathan Tonna u Tordna li dan il-kaz jitkompla billi jigi deciz il-meritu u l-eccezzjonijiet rimanenti sollevati mill-konvenuti.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------